**17 ta' Lulju, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Camilleri

## Ordinanza dwar l-Armi - Konfiska tal-*corpus delicti*

*L-artikolu 66 ta' l-Ordinanza dwar l-Armi hi disposizzjoni speċjali li tirregola l-konfiska. Din id-disposizzjoni ma tagħmel ebda eċċezzjoni għall-proprjetà ta' terzi, bħalma tagħmel l-artikolu 23 (1) tal-Kodiċi Kriminali. Mhux meħtieġ li jkun talba da parti tal-prosekuzzjoni għall-konfiska.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Anthony Camilleri talli fil-15 ta' Ġunju, 1997, għall-ħabta tas-1 a.m. u fil-jiem ta' qabel, żamm arma tan-nar (senter Luigi Franchi bin-numru T-14343) mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-11 ta' Frar, 1998 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Anthony Camilleri ħati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, ikkundannatu ħamsin lira (Lm50) multa u ordnat il-konfiska tas-senter favur il-Gvern ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Anthony Camilleri, minnu pprezentata fid-19 ta' Frar, 1998, li permezz tiegħu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza limitatament għall-konfiska;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-15 ta' Lulju, 1998; ikkunsidrat:

Kif ingħad, l-aggravju ta' l-appellant hu limitat għal dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska tas-senter. L-appellant jgħid li ġaladarba kien jirriżulta mill-provi li s-senter kien ta' terza persuna u kien debitament liċenzjat f'isem dik il-persuna, kienet applikabbli l-aħħar parti tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 23 tal-Kodiċi Penali li teżenta mill-konfiska l-*corpus delicti*, kemm-il darba jkun jirriżulta li persuna, li ma tkunx ħadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dak l-oġġett;

Il-Qorti tosserva, però, li f'dan il-każ hemm disposizzjoni speċjali li tirregola l-konfiska, u din hi d-disposizzjoni ta' l-artikolu 19 tal-Kap. 66. Din id-disposizzjoni ma tagħmel ebda eċċezzjoni għall-proprjetà ta' terzi; anqas ma teħtieġ li jkun hemm espressament talba da parti tal-prosekuzzjoni għall-konfiska, bħalma ssottometta fit-trattazzjoni tiegħu d-difensur ta' l-appellant. Il-konfiska f'dan il-każ hi konsegwenza tal-piena u għalhekk, kemm-il darba jkun hemm piena, bħalma kien hemm f'dan il-każ, ikun hemm awtomatikament il-konfiska, b'mod li strettament anqas kien hemm għalfejn li l-Ewwel Qorti tippronunzja ruħha dwar tali konfiska;

Għall-motivi premessi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.